MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 72/2012

**Joseph Xerri u b'nota tad-9 ta' Novembru 2012 Paul Xuereb assuma l-atti tal-kawza f'ismu stante li l-attur jinsab fl-esteru**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti, li jgib in-numru mitejn u sitta u sebghin tas-sena elf disgha mija disgha u erbghin (276/1949) taht il-kolonna 'Isem u Kunjom' il-genituri tat-tarbija, hemm zball fis-sens li kunjom missier ir-rikorrenti gie ndikat bhala Xerri minflok Scerri u dana kemm fil-parti li tirreferi ghad-dettalji ta' missier it-tarbija kif

ukoll ghall- parti fejn hemm id-dettalji tal-omm hekk kif jidher mill-kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi l-istess zball jinsab rifless fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti li jgib in-numru mija u erbgha u sebghin tas-sena elf disa' mija tmienja u sebghin (174/1978) taht il-kolonna bl-intestatura 'Isem u Kunjom', kunjom ir-rikorrenti huwa ndikat bhala Joseph Xerri u dana meta l-kunjom tieghu jinkiteb bhala Scerri. Hekk ukoll fil-kolonna bl-intestatura 'Genituri tal-mizzewgin – Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin', kunjom missier ir-rikorrenti huwa ndikat erronjament bhala Raphael Xerri u dana minflok Scerri, hekk kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi nfatti fic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrenti, liema certifikat igib in-numru tlieta u ghoxrin tas-sena elf disa' mija, sitta u erbghin (23/1946) u dana kemm fil-kolonna taht l-intestatura bl-ismijiet 'Isem u Kunjom' fejn il-kunjom huwa ndikat erronjament bhala Xerri u mhux Scerri; kif ukoll fil-kolonna bl-intestatura 'Genituri tal-mizzewgin – Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin' fejn kunjom in-nannu patern tar-rikorrenti huwa ndikat erronjament bhala Xerri u mhux Scerri, hekk kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok C;

Illi r-rikorrenti permezz tal-istanti kawza jrid li ssir id-debita korrezzjoni fic-certifikati ufficcjali hawn fuq imsemmija u dana sabiex jirriflettu ezattament il-verita' tal-fatti stante li l-kunjom tieghu u tal-antennati tieghu jinkiteb Scerri u mhux Xerri, liema stat ta' fatt jinsab ben rifless fic-certifikat tat-twelid tan-nannu patern tieghu, liema certifikat igib in-numru sebgha mija u erbgha u ghoxrin tas-sena elf disa' mija u ghoxrin (724/1920), kopja ta' liema qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok D;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' mitejn u sitta u sebghin tas-sena elf disa'

mija disgha u erbghin (276/1949) u dana fis-sens illi ssir korrezzjoni fil-kolonna taht l-intestatura ‘Isem u Kunjom’ il-ġenituri tat-tarbija u dana sabiex il-kunjom Xerri jigi sostitwit u kkoregut b’dak ta’ Scerri;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-zwieg tar-rikorrenti bin-numru progressiv mija u erbgha u sebghin tas-sena elf disa’ mija tmienja u sebghin (174/1978) taht il-kolonna bl-intestatura ‘Isem u Kunjom’ kif ukoll taht il-kolonna bl-intestatura ‘Ġenituri tal-mizzewgin – Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin’ u dan sabiex kunjom ir-rikorrenti u kunjom missieru li huma ndikati bhala Xerri, jigu kkoreguti u sostitwiti b’dak ta’ Scerri;

3. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat taz-zwieg tal-ġenituri tar-rikorrenti, liema certifikat igib in-numru progressiv tlieta u ghoxrin tas-sena elf disa’ mija, sitta u erbghin (23/1946) taht il-kolonna bl-intestatura ‘Isem u Kunjom’ kif ukoll taht il-kolonna bl-intestatura ‘Ġenituri tal-mizzewgin – Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin’ u dana sabiex il-kunjom ta’ missier ir-rikorrenti, kif ukoll il-kunjom tan-nannu patern tar-rikorrenti jigu sostitwiti li huma ndikati bhala Xerri, jigu kkoreguti u sostitwiti b’dak ta’ Scerri.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti mhux qieghed jopponi ruhu ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi nonostanti l-esponenti m’ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti.

Bl-ispejjez.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2012 l-attur ipprezenta affidavits u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qieghed jitlob sabiex ikun hemm korrezzjoni fil-kunjom kemm fic-certifikat tat-twelid tieghu, kemm fl-att taz-zwieg kif ukoll fic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tieghu.

Mix-xhieda u mid-dokumenti prodotti jirrizulta li fil-fatt kunjom in-nannu patern tar-rikorrenti kien Scerri. Jirrizulta ppruvat minn dokumenti li gew esebiti senjatament is-social security card u l-passaport il-qadim ta' missier l-attur li l-kunjom huwa mnizzel bhala Scerri.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw fondati kemm minn dak premess u in vista wkoll li m'hemm l-ebda opposizzjoni ghat-talbiet imressqa.

Tqis ukoll pero' li ma rrizultax li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dan billi :

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' mitejn u sitta u sebghin tas-sena elf disa' mija disgha u erbghin (276/1949) u dana fis-sens illi ssir korrezzjoni fil-kolonna taht l-intestatura 'Isem u Kunjom' il-genituri tat-tarbija u dana sabiex il-kunjom Xerri jigi sostitwit u kkoregut b'dak ta' Scerri;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-zwieg tar-rikorrenti bin-numru progressiv mija u erbgha u sebghin tas-sena elf disa' mija tmienja u sebghin (174/1978) taht il-kolonna bl-intestatura 'Isem u Kunjom' kif ukoll taht il-kolonna bl-intestatura 'Genituri tal-mizzewgin – Isem u Kunjom, jekk

hajjin jew mejtin’ u dan sabiex kunjom ir-rikorrenti u kunjom missieru li huma ndikati bhala Xerri, jigu kkoreguti u sostitwiti b’dak ta’ Scerri;

3. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrenti, liema certifikat igib in-numru progressiv tlieta u ghoxrin tas-sena elf disa’ mija, sitta u erbghin (23/1946) taht il-kolonna bl-intestatura ‘Isem u Kunjom’ kif ukoll taht il-kolonna bl-intestatura ‘Genituri tal-mizzewgin – Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin’ u dana sabiex il-kunjom ta’ missier ir-rikorrenti, kif ukoll il-kunjom tan-nannu patern tar-rikorrenti jigu sostitwiti li huma ndikati bhala Xerri, jigu kkoreguti u sostitwiti b’dak ta’ Scerri.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------